# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Novembru 2000.**

**Numru 62**

**Citaz. numru 917/95 DS**

Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited u dina bhala rapprezentatrici tad-ditta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Stephen Abela; u b'nota tal-11 ta' Mejju 2000 is-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici estera CGU Insurance plc gia` General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Stephen Abela assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Gasan Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc
vs
Stephen Calleja

Illum, 2 ta' Novembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Lulju 1995 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi fis-17 ta' Settembru 1994 ghal habta tat-3.00 p.m. fil-limiti ta' Burmarrad waqt li l-konvenut Stephen Calleja kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' Registrazzjoni G-0998 imhabba traskuragni u nuqqas kbir ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa habat mall-vettura numru ta' Registrazzjoni U-5418 ta' Stephen Abela u li dak il-hin kienet qed tinsaq minnu.

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura ta' Raymond Farrugia nomine numru ta' Registrazzzjoni U-5418 garrbet hsarat konsiderevoli izda billi din il-vettura kienet assikurata "comprehensive" mas-socjeta' assikurattrici attrici u billi saret claim ma' din l-istess socjeta' minn Stephen Abela, l-assikurazzjoni halset ghat-tiswija ta' din il-vettura is-somma ta' Lm 902.77,0 u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi s-socjeta' assikurattrici halset ukoll a tenur tal-kondizzjonijiet tal-polza xi ammonti ohra dovuti lill-terzi u cioe' ghas-survey u ghar-rapport tal-Pulizija, u dana wkoll b'konsegwenza ta' dan l-incident u dan kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. B'kollox l-assikurazzjoni halset is-somma ta' Lm 910.77,0.

Illi l-konvenut interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' assikurattrici attrici baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din ic-citazzjoni.

talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, li:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis-17 ta' Settembru 1994 fil-limiti ta' Burmarrad bejn il-vetturi misjuqa mill-konvenut u dik misjuqa minn Stephen Abela.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur nomine u risultanti minn dan l-incident tat-traffiku fl-ammont ta' disa mija u ghaxar liri Maltin u seba u sebghin centezmi (Lm910.77,0) jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' Periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Jannar 1994 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni li jibqa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-incident in kwistjoni gara b'tort tal-assikurat tal-attur jew ta' sewwieq iehor mhux maghruf, ghalhekk isegwi li ma ghandux danni x'ihallas.

2. F'kull kaz, minghajr pregudizzju l-assikurat tal-attur kellu ftit hsara li zgur ma tammontax ghall ammont mitlub.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tat-12 ta' Jannar 1996 li permezz tieghu giet nominata l-Av. Dr. Yana Micallef Stafrace bhala perit legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnha mahlufa fit-8 ta' Mejju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh f'Burmarrad fis-17 ta' Settembru 1994. Jirrizulta mill-provi li l-assikurat tas-socjeta` attrici, certu Stephen Abela, kien gej min-naha ta' San Pawl il-Bahar intenzjonat li jdur ghall-parking tal-Price Club li jinsab f'Burmarrad filwaqt li l-konvenut kien ukoll gej mill-istess direzzjoni izda ttamponah qabel ma l-imsemmi Abela lehaq dar ghall-parking, manuvra li tfisser li kien irid jaqsam il-karreggjata opposta li minnha jkun gej traffiku mid-direzzjoni tal-Mosta. Dwar l-incident xehdu biss l-imsemmi Stephen Abela u martu Nadia li kienet riekba mieghu. Il-konvenut baqa' ma ddeponiex.

Skond **Stephen Abela**, billi dakinhar kien intenzjonat imur il-Price Club li kien fuq il-lemin tieghu, huwa kien hdejn is-*central white line* u waqaf wara li xeghel l-*indicator*. Ma setax jibqa' jdur peress li kien hemm vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Waqt li kien wieqaf, karrozza ghaddiet bejnu u n-naha tax-xelluq tat-triq, imbaghad sema' *brake* u

sakemm hares fil-mera tanm-nofs dahlet karrozza go fih fuq wara. Bid-daqqa gie mbuttat ‘il quddiem. Il-konvenut, li kien qed *isuq* il-karrozza li kienet dahlet go fih, offrielu Lm400 izda ma accettax.

In kontro-ezami, l-imsemmi Stephen Abela qal li qabel ma sehh l-incident kien wieqaf hin bizzejjed biex ghaddew xi vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Kien ‘il barra bizzejjed li ghaddiet vettura mix-xellug tieghu. Ma jafx din il-vettura fuq liema *lane* kienet ghaddejja qabel ma ghaddiet fuq ix-xellug tieghu u cioe` baqghetx fuq l-istess *lane* jew isswervjatx fl-ahhar mument. Id-daqqa tieghu kienet aktar fuq il-lemin. Huwa kien naqra skuntrat. Bid-daqqa tghaffeg il-*mudguard* ta’ wara tal-lemin.

**Nadia Abela**, mart Stephen, kienet *front-seat passenger*. Bazikament ikkorroborat ix-xiehda ta’ zewgha. Ikkonfermat li r-ragel taghha kien xeghel l-*indicator* u li kienu ftit sekondi weqfin qabel ma qalghu d-daqqa.

Mill-verbali tal-perit legali jirrizulta li l-konvenut ma deher qatt ghas-seduti li hija zammet u ghalhekk ma xehedx. Fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu isostni li l-incident gara tort ta’ l-assikurat ta’ l-attur jew ta’ sewwieq iehor mhux maghruf; imbaghad fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu jghid li l-incident gara ghaliex l-assikurat ta’ l-attur waqaf f’daqqa b’rizultat li sewwieq iehor li kien quddiem il-konvenut evitah izda l-konvenut ma kellux cans jaghmel dan.

Certament minn ezami ta’ dak li ndika l-konvenut stess hemm kontradizzjoni peress li ma jistax ikun li l-incident gara tort ta’ “sewwieq mhux maghruf” (kif ighid fl-eccezzjonijiet) meta mbaghad fid-dikjarazzjoni jghid li dan is-sewwieq mhux maghruf fil-fatt evita habta ma’ l-assikurat ta’ l-attur filwaqt li hu ma kellux cans jevitah. Jekk dak is-sewwieq evitah, ghaliex il-konvenut ma rnexxilux jevitah ukoll?

Mill-istat tal-provi mressqa m’ghandu jkun hemm l-ebda dubju li, kif anke tajjeb ikkonkludiet il-perit legali, ghall-incident jahti biss il-konvenut. Jirrizulta li meta waqaf biex jaqsam ghall-Price Club kellu jistenna sakemm jghaddi traffiku gej mid-direzzjoni opposta. P.S. 352 Carmelo Magri ukoll xehed li Stephen Abela ma setax jidhol ghall-Price Club billi kien hemm karrozzi fil-karreggjata l-ohra. Inoltre kien hemm karrozza ohra gejja minn wara Abela li ghaddiet minn bejnu u x-xellug tat-triq. Harsa lejn l-okkorrenza esebita minn P.S. Magri turi li sahansitra l-konvenut stqarr mieghu li kien hemm din il-karrozza li “tefghet mal-genb”, izda hu sab il-karrozza wieqfa, ghafas il-*brakes*, imma ma rnexxilux jieqaf.

Min ikun qieghed isuq irid joqghod attent ghal dak kollu li qieghed jigri madwaru u b'mod partikolari ghal dak li qed jigri quddiemu. Irid ikollu l-kontroll shih tal-vettura tieghu. Irid izomm max-xellug tat-triq u mhux isuq f'nofs it-triq. Dan kollu l-konvenut m'ghamlux. Il-post fejn gara l-incident huwa post traffikuz, b'karrozzi dehlin u hirgin mill-Price Club u jaqsmu minn karreggjata ghall-ohra. Il-konvenut kien ghaddej fuq in-naha ta' barra tal-karreggjata isegwi karrozza ohra li gibdet lejn ix-xellug peress li kien hemm l-assikurat ta' l-attur wieqaf lest biex jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq, izda l-konvenut naqas milli jeffettwa l-istess manuvra. Dan ifisser li kien dizattent fis-sewqan tieghu u li wisq probabbli ma kienx qed izomm bizzejjed distanza mill-karrozza li kien qieghed isegwi. Il-karrozza wieqfa kienet *in plain view* u li kieku l-konvenut kien prudenti fis-sewqan tieghu kien jeffettwa l-istess manuvra li effettwat il-karrozza li kien qieghed isegwi jew sahansitra jieqaf. Minhabba n-nuqqasijiet tieghu ghalhekk irid iwiegeb ghad-danni konsegwenzjali.

**Dr. Louis Bianchi** ghas-socjeta` attrici kkonferma li Stephen Abela kellu polza *comprehensive* u in forza taghha thallset is-somma ta' Lm910.77, kwantu ghal Lm902.77 ghat-tiswijiet lill-Melbourne Garage Ltd., kwantu ghal Lm3 ghar-rapport tal-Pulizija u kwantu ghal Lm5 ghas-*survey*. Il-konvenut eccepixxa li l-assikurat ta' l-attur kellu ftit hsara izda ma ressaq l-ebda prova biex isostni dan jew biex jirribatti l-prova dwar danni mressqa mill-attur nomine. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti jidhrilha li t-talba attrici f'dan ir-rigward hija gustifikata.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis-17 ta' Settembru 1994 fil-limiti ta' Burmarrad bejn il-vetturi misjuqa mill-konvenut u dik misjuqa minn Stephen Abela,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine u rizultanti mill-incident tat-traffiku in kwistjoni fis-somma mitluba ta' Lm910.77, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine din is-somma ta' Lm910.77 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**